MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2010

Citazzjoni Numru. 83/2010

**Lawrence Caruana**

**Vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku ghal Ghawdex**

Permezz ta' din il-kawza l-attur qieghed jitlob korrezzjoni fic-certifikat ta' twelid u tal-mewt ta' missieru Giorgio Caruana, fis-sens li kunjom xbubit omm missieru jitnizzel bhala Farrugia u mhux Cutajar.

Permezz ta' risposta prezentata mill-konvenut fis-27 ta' Ottubru 2010 ddikjara li m'huwiex jopponi ghat-talbiet tal-attur. B'dan li jsostni li l-ispejjez ghandu jaghmel tajjeb ghalihom l-attur ghaliex it-talba ghal korrezzjoni setghet saret quddiem il-Vizitaturi tal-Atti Notarili skond l-Artikolu 257 tal-Kodici Civili.

L-attur hu iben Giorgio Caruana u twieled fit-13 ta' Lulju 1965 (fol. 17). Mid-dokumenti esebiti hu evidenti li t-talbiet tal-attur huma gustifikati. Giorgio Caruana kien iben Carmelo Caruana u Gesualda xebba Farrugia, mhux Cutajar kif dikjarat fic-certifikat tat-twelid u tal-mewt tieghu.

**Ghaldaqstant il-qorti qeghda tilqa' t-talbiet tal-attur u tordna li:-**

**1. Fic-certifikat ta' twelid ta' Giorgio Caruana li twieled fit-8 ta' Marzu 1933 (numru ta' iskrizzjoni 274), fil-kolonna *"Isem u kunjom il-missier, u jekk hux haj jew mejjet"*, il-kunjom Cutajar jigi sostitwit bil-kunjom Farrugia. Ghalhekk isem u l-kunjom ta' missier omm Giorgio Caruana ghandu jaqra Antonio Farrugia.**

**2. Fic-certifikat tal-mewt ta' Giorgio Caruana li miet fis-27 ta' Awwissu 2010 (numru ta' iskrizzjoni 192), fil-kolonna fil-kolonna *"Isem u kunjom il-missier, u jekk hux haj jew mejjet"*, il-kunjom Cutajar jigi sostitwit bil-kunjom Farrugia. Ghalhekk isem u l-kunjom ta' omm Giorgio Caruana ghandu jaqra Gesualda nee Farrugia.**

**Spejjez a karigu tal-attrici in kwantu jidher li t-talba setghet saret kif qal il-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------